MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1611/2004

**Middle Sea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tyrone Mifsud**

**Vs**

**Muscat Joseph**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1063.48 (elf tlieta u sittin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh fil-11 ta' April 2003 gewwa B'Bugia.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elf, u tlieta u sittin Lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1063.48), rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-

konvenut Joseph Muscat waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DBG 532 fil-11 ta’ April 2003 fil-limiti ta’ B`bugia habat mall-vettura numru CBG 683 propjeta ta’ Tyrone Mifsud u ikkaguna danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament resposabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjes, komprisi dawk tal-parir (Lm18.00) u ta’ Ittra Ufficjali datata 20 ta’ Mejju 2004 (notifikata 29/5/04) kontra l-konvenut u ta’ Ittra Ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma’ dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tan-notifika ta’ din it-Talba li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Ir-responsabbilta` ghall-incident ghandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet kif dejjem gie suggerit mill-konvenut fil-korrispondenza dwar il-kaz. F’kaz li t-Tribunal jiddeciedi adezivament ma din l-eccezzjoni. Il-konvenut m’ghandux jehel spejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza hija partikolari fis-sens illi saret habta bejn zewg vetturi misjuqa minn zewg persuni li jahdmu fuq l-istess post tax-xoghol go l-*area* riservata ghall-istess fabbrika.

Jirrizulta li dawn iz-zewg vetturi kienu jinstabu fid-direzzjoni opposta, raw lil xulxin fil-mument ta’ l-incident, ippruvaw jevitaw il-kollizjoni pero’ dina xorta wahda ssuccediet. Li hemm divergenza hija illi vettura minnhom mhux suppost li kienet qieghda f’dak l-akkwati.

Jibqa pero` jigi ribadit illi xufier ghandhu f’kull mument jiehu dawk l-prekawzjonijiet necessarji kif ukoll isuq il-vetturi bi prudenza u perizja sabiex kollizjoni ma ssehx.

Anza kif xehedu z-zewg sewwieqa u kif inhuma ndikati wkoll fl-iskizz, l-attur mhux suppost li kien qieghed f’dak il-mument hemm gew u l-vettura konvenuta mhux suppost li kienet qedgha f’dak il-post f’dak il-mument propizju. Ghalhekk anki mill-att ta’ ekwita, ikun opportun illi r-responsabbilita ghal istess kollizjoni tigi spartita ugwalment b’hamsin fil-mija (50%) bejn il-partijiet.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Ghar-rigward il-capo spese l-konvenut allega ab initio anke fir-risposta tieghu li kien ghamel l-istess offerta lis-socjeta` attrici. Ma jirrizultax li gie depozitat xi ammont in sostenn tal-istess allegazzjoni. Una volta li t-Tribunal jiddeciedi per ekwita` u l-capo spese ghandu jigi sopportat ugwalment bejn il-partijiet.

Jiddeciedi ghalhekk illi r-responsabbilita ghall-istess kollizjoni ghandha tigi spentita z-zewg xufiera. Jilqa` t-talba attrici u anka l-eccezzjoni konvenuta fil-porzjon gia deciz u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm531.74), bl-interessi mid-data tal-prezentata effettiv u bl-ispejjes ugwalment ukoll bejn l-effettiv. Salv si et quatenus id-dritt lil xi parti minnhom in vista illi f’dak il-mument il-vettura attrici suppost li gia kienet barra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------